*Minn ġrajjiet l-Inkiżizzjoni*

# Meta lix-Xitan ħasbuh qed iqarar f'Ħaż-Żebbuġ

*Minn denunzji quddiem l-Inkiżitur fis-snin 1648-1649*

Alexander Bonnici OFM Conv.
HED, SThL, Ph.B.

## *L-Akbar Raħal ta' Malta*

Kappillan Qormi, Dun Salv Muscat, mis-sena 1637, kien qed imexxi 'l-parroċċa. Kienet waħda mill-parroċċi l-iżjed kbar ta' Malta. Skond statistika ta' l-1645, kien hemm 2964 ruħ f'Ħaż-Żebbuġ. 1507 kienu rġiel u 1457 nisa. Kien l-akbar raħal ta' Malta. Kien ftit akbar minn Għawdex kollu (li kien b'2941 ruħ). Ma kellux akbar minnu ħlief lill-belt Valletta (li kienet b'7156 ruħ) u lill-Isla (li kienet bi 3243).[1]

Il-ġrajja kurjuża li se nsemmu teħodna lejn is-sena 1648. Kien każ li, minħabba fih, il-Kappillan issejjaħ quddiem l-Inkiżitur. Dak hu żmien ta' Inkiżitur li kellu jkun magħruf ħafna. Kien l-Inkiżitur Mons. Antonio Pignatelli (1646-1649) li, żmien wara, kellu saħansitra jiġi magħżul bħala Papa li ħa l-isem ta' Innoċenz XII (1691-1700).

Il-każ hu reġistrat qalb il-proċessi ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta.[2]

## *Mhux Qassis mixli li qarar*

Kien wasal f'widnejn l-Inkiżitur li, fil-knisja parrokkjali ta' Ħaż-Żebbuġ, xi ħadd daħal iqarar f'konfessinarju tal-parroċċa. Lill-persuni li telgħu iqerru, hu semagħhom bla ma kellimhom.

L-Inkiżitur Pignatelli bagħat għall-Kappillan Muscat. Dan deher quddiemu fit-23 ta' Diċembru 1648. L-Inkiżitur kellu jassistih lill-Viċi tiegħu li kien Dun Pietru-Franġisku Pontremoli. Il-Kappillan ma kienx ġie nfurmat għalfejn kienu sejħulu. Kif daħal, lilu tawh il-ġurament biex jgħid il-verità kollha. L-ewwelnett, lilu staqsewh jekk kienx jissopponi għalfejn sejħulu.

Il-każ tal-konfessur falz kien għadu frisk, u qajjem ħafna għagħa f'Ħaż-Żebbuġ. Kien ġara fil-21 ta' Diċembru. Għalhekk, kien jissopponi li ma sejħulux ħlief ghal dak li kien ġara. Hu rrakkonta li, fil-21 tax-xahar, ġurnata tan-Novena tal-Milied, mar iqaddes fil-parroċċa f'ġieħ il-Madonna, u, waqt il-quddiesa, għamel il-prietka tan-novena. Sakemm spiċċa l-quddiesa, ma ntebaħ b'xejn. Imbagħad, hu mar fil-konfessinarju tiegħu biex iqarar lil xi penitenti.

Minnufih, ħafna nisa daru miegħu u qalulu li, waqt il-prietka, kien hemm raġel fil-konfessinarju ta' qrib il-bieb tal-knisja li qiegħed fuq in-naħa tal-lemin. Kien hemm xi erba' nisa li telgħu biex iqerru għandu. Warajhom, kienet tielgħa oħra; imma dak ir-raġel għamlilha sinjal biex ma titlax. Donnhom lanqas ma kienu ndunaw li dak ma kienx saċerdot! Waħda mara lill-Kappillan saħansitra qaltlu li dak ma kienx raġel. Kien ix-xitan li daħal fil-konfessinarju waqt il-prietka, biex ma jħallihomx jisimgħu l-kelma ta' Alla!

Dawk in-nisa rawh joħroġ jiġri mill-konfessinarju. Hu għatta wiċċu b'biċċa drapp biex ma jagħrfuhx. Raw li kellu fuqu suttana twila, imma l-kullar kien wieħed kbir u differenti minn tal-qassisin. Innutaw ukoll li żarbuna kienet b'takkuna akbar minn ta' l-oħra.

In-nisa lill-Kappillan komplew jgħidulu li, meta telgħu iqerru, dak il-qassis falz ma kellimhomx. Il-Kappillan żied jgħid li hu kien jorbot fuq kliemhom. Speċjalment waħda minnhom, il-mara ta' ċertu Indrì Dimeg, kienet waħda ta' l-affari tagħha.

Billi ma kenux għaddew ħlief jumejn, il-Kappillan kien għadu ma jafx l-affarijiet sewwa. Wiegħed li kien se jitkixxef min kienu sewwa dawk in-nisa, u x'kien ingħad sewwa bejnhom u t-taparsi konfessur. Ma kienx mar minnufih quddiem l-Inkiżitur għax ried jistħarreġ sewwa x'kien ġara. Hu ddikjara li, kif ikun jaf kollox b'eżattezza, jerġa' jmur quddiem l-Inkiżitur Pignatelli, u jżidlu d-dettalji tal-każ. Imma, qabel ma telaq, kif kien isir ma' kulħadd, ġegħluh jieħu l-ġurament li ma jgħidx li ssejjaħ mill-Inkiżitur u, wisq iżjed, ma jsemmi xejn dwar x'ġie mistoqsi.[3]

## *Żagħżugħ b'nuqqas ta' ħsieb*

Wara tliet ġimgħat, il-Kappillan kien lesta l-istħarriġ kollu tiegħu. Imma ma kellux għalfejn

imur hu nnifsu quddiem l-Inkiżitur Pignatelli. Hu bagħat għandu tifel ta' 15-il sena mill-belt Valletta. Dan sata' jgħid l-affarijiet aħjar għax dak li ħasbuh ix-Xitan kien hu nnifsu.

Deher quddiem l-Inkiżitur fl-14 ta' Jannar 1649. Din id-darba wkoll l-Inkiżitur kellu miegħu l-viċi tiegħu. Imma ż-żagħżugħ kellu avukat biex jiddefendih. Iż-żagħżugħ kien jismu Xmuni Ciantar, ta' xi 15-il sena, iben Alfonz mill-Belt. L-avukat difensur kien Bartilmew Testaferrata.

Dak iż-żagħżugħ lanqas biss ma kien jaf li l-każ tiegħu kien wasal quddiem l-Inkiżitur. Imma, meta sama' li sekular ġie mixli li kien qed iqarar issoppona li kienu qalu għalih. Għalhekk, mar quddiem Pignatelli biex jirrakkonta x'kienu ġara bl-eżattezza kollha.

Xmuni Ciantar iddikjara: *"Fl-20 ta' Diċembru li għadda, ommi Lieni ħadet lili magħha f'Ħaż-Żebbuġ fid-dar ta' Majsa, armla li tiġi minna. Wara li għaddejna l-lejl fid-dar tagħha, jiena, mas-sebħ, tlaqt lejn il-knisja parrokkjali biex nisma' l-quddiesa u l-prietka tan-Novena tal-Milied. Wasalt il-knisja waqt il-prietka, u ntfajt għarkubbtejja f'riġlejn l-ewwel konfessinarju li sibt kif dħalt min-naħa tax-xellug. Jiena għedt it-talb tiegħi, u mbagħad intfajt bilqiegħda fil-konfessinarju biex minn hemm noqgħod nisma' l-prietka. Imbagħad ġara li, wara ftit, telgħu mal-konfessinarju żewġ nisa, waħda fuq kull naħa. Wara li qagħdet hemm għat-tul tar-reċta ta' avemarija, dik li kienet fuq in-naħa tal-lemin qamet u marret tgħid lill-oħra ta' fuq ix-xellug: 'Mhux hu, mhux hu'. Tkellmu ftit bejniethom, u marru ħdejn in-nisa l-oħrajn li kienu fil-knisja. Imbagħad, bint Majsa li semmejt li tiġi minni wissietni biex inqum minn hemm għax stajt neħel xi waħda sewwa. Fil-fatt, ħadd li hu sekular ma kien soltu jpoġġi fil-konfessinarju. Imbagħad jiena għattejt wiċċi, u tlaqt niġri lejn id-dar. Dawk in-nisa li resqu mal-konfessinarju, fil-fatt, ma qalu l-ebda dnub lili. M'għamlux ħaġ'oħra ħlief ħarsu lejja, u qalu lil xulxin li ma kontx dak li stennew. Jiena lil dawk in-nisa ma nafhomx".*

Lilu wkoll l-Inkiżitur ġiegħlu jieħu l-ġurament tas-silenzju. Ma kienx żagħżugħ ta' bla skola għax fil-fatt qiegħed ismu taħt id-dikjarazzjoni tiegħu. Ħafna oħrajn kienu jpoġġu salib (+) flok isimhom.[4]

Naraw xi affarijiet żgħar li ma jaqblux bejn dak li n-nisa rrakkuntaw lill-Kappillan Muscat u dak li stqarr iż-żagħżugħ innifsu. Imma dan jiġri dejjem.

Dan kien każ li, mad-daqqa ta' għajn, deher wieħed serju. Fil-fatt, ma kienx ħlief nuqqas ta' ħsieb minn żagħżugħ. Għalhekk, l-Inkiżitur Pignatelli lilu ma waħħlu xejn. Lanqas ma deherlu li kellu bżonn joqgħod jagħmillu xi twissija, kif ġara kemm-il darba f'każijiet sempliċi li dehru fit-tribunal ta' l-Inkiżizzjoni.

## Dokumentazzjoni


1. Arkivju Sigriet tal-Vatikan, *Segreterija ta' l-Istat, Malta,* 186: dwar Żebbuġ: f.403v; Għawdex: f.405v; Valletta: f.405r; Isla: f.403r.
2. Arkivju ta' l-Inkiżizzjoni ta' Malta, *Proċessi,* 61B, ff.930r-931r.
3. Fl-istess post: f.930r-v.
4. Fl-istess post: ff.930v-931r.